# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## IS-SANTWARJU TA' L-ADDOLORATA TA' MONTEROSSO ALMO

Il-knisja ta' Sant'Antnin Abbati, illum Santwarju Djocesan ta' l-Addolorata, ghandu rikkezzi kbar ta' arti tant li gie dikjarat tezor nazzjonali. Fil-knisja nsibu venerat is-simulark tal-Vergni Addolorata li ma gralu ebda hsara fit-terremot tas-sena 1693.

Kien fit-8 ta' Dicembru1988 li fl-okazzjoni tas-sena Marjana l-knisja giet elevata ghal Santwarju minn Mons Angelo Rizzo. Fuq l-artal centrali giet mahduma nicca mill-irham biex fih izomm is-simulark tad-Duluri, patruna ta' Monterossealmo. Sa minn zminijiet imbieghda Marija Ssma taht it-titolu ta' l-Addolorata kienet il-patruna ta' dan il-lokal.

Fil-31 ta' Jannar 1644 b'editt mahrug mir-re Filippu IV ta' Spanja gie mizjud it-titolu ta' Principali u Rjali. Hafna kienu li matul is-snin taqw id-deheb taghhom bhala ringrazzjament ghal xi grazzja li qalghu minghand Marija Addolorata u b'dawn ir-rigali ex-voto il-poplu ghamel kuruna li biha inkuruna r-ras tal-Vergni Mbierka. Fil-21 ta' Settembru tas-sena 1969 L-arcisqof ta' Sirakuza Mons Giuseppe Bonfiglioli pogga din il-kuruna fuq ras Marija Ssma. Fl-okazzjoni tas-sena Marjana il-poplu devot ta' l-Addolorata qieghed qalb minfuda bi stallet mahduma fil-fidda fuq sider Marija. F'Settembru tas-sena 1994 fl-okazzjoni tat-350 sena anniversarju tal-Patruna pogga zewg raggieri fuq is-simulark, wahda ma' ras Marija u l-ohra ma'ras Binha Gesu.

Haga kurjuza u mhux tas-soltu f'Monterosso Almo li n-nies tal-belt jiccelebraw il-festa ta' Marija Addolorata, il-Patruna Principali tal-

belt taghhom erba' darbiet fis-sena.

L-ewwel celebrazzjoni hija dik tat-Tlieta fuq l-Ghid bit-tieni celebrazzjoni ssegwi il-Hadd ta' wara l-Ghid. It-tlieta wahda tinzamm fit-tielet Hadd fuq l-Ghid bl-ahhar celebrazzjoni tkun dik tat-tielet Hadd ta' Settembru.

Huma mumenti partikulari, sinjali ta' tradizzjoni li baqghu hajja sal-lum b'fidi vera u devozjoni mqanqla minhabba r-rabta lil ghandu l-poplu ta' Monterosso Almo ma' l-Omm Addolorata. Il-festa tat-tielet Hadd ta' Settembru ilha tkun ccelebrata sa minn zminjiet remoti hafna infatti dokumenti mharsa fl-arkivju tal-parrocca jindikaw il-15 il-seklu.

Fis-sena 1644 precizament fil-31 ta' Jannar ir-re Filippu ta' Spanja zied mat-titlu ta' Patruna dak ta' Principali u Rjali u waqqaf in-novena rjali li ghadha sal-lum tigi ccelebrata. Fil-hsarat kawzati mit-terremot tal-11 ta' Jannar 1693 is-simulark tal-Patruna tal-belt baqa' intatt minkejja li l-knisja fejn kienet mizmum waqghet. U minhabba f'dan il-prodigju kibret aktar id-devozzjoni lejn l-Addolorata.

Fit-tielet Hadd ta' Settembru tinzamm novena solenni li maghha jigu mizjuda manifestatjonijiet kulturali, rikreattivi u sportivi. Il-jum tal-festa jibda filghodu kmieni meta fis-sitta jindaqqu l-qniepen u jisparaw xi murtaletti. Tibda l-ewwel quddiesa li fiha jiehdu sehem bosta u bosta fidili. Fil-hdax tibda l-processjoni solenni bis-simulark tad-duluri u fil-purcissjoni jippartecipaw bosta fidli bix-xema f'idejhom u li jkunu jridu jtemmu xi weghda li jkunu ghamlu ma' Marija Ssma Addolorata.

L-istatwa tmur lura lejn il-15-16 il-seklu fil-waqt li s-simulark huwa tas-sena 1785. Wara li jdur mat-toroq tal-belt is-simulark jidhol fil-knisja Omm. Ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofs in-nhar tibda' c-cena tradizzjonali, u l-bejgh ta' oggetti u prodotti lokali offruti mill-istess fidili. Din l-attivita' ta' l-ahhar hija msejha bid-djalett lokali "pagnuccata". F'din l-ispeci ta' fiera jimbieghu, helu maghruf bhala torrone, kannoli, gobon, fniek u diversi prodotti ohra. Lejn it-tmiena ta'filghaxija tibda purcissjoni ohra bil-banda

u dwal b'turija ta' devozzjoni lejn l-Patruna taghhom .  Fi tmiem il-festa jinharaq xi loghob tan-nar. Fis-sena 1988 precizament fil-festa tat-8 ta' Dicembru, l-Immakulata Koncezzjoni, l-Arcisqof Mons Angelo Rizzo iddikjara lill-knisja ta' l-Addolorata bhala Santwarju Djocesan ta' l-Addolorata.

It-tlieta ta' fuq l-Ghid il-Kbira il-purcissjoni li issir bl-istatwa tad-duluri hija kommemorazzjoni ta' l-ghazla ta' l-Addolorata bhala l-Patruna Principali tal-Belt.

Fit-tieni Hadd fuq l-Ghid il-purcissjoni bix-xbiha ta' l-Addolorata hija tifkira ta' meta inhelset mill-qerda kawza tat-terremot li garrbet il-belt ta' Monterosso Almo. Il-purcissjoni tasal sal-lok fejn kien il-knisja antika li kienet tikkustodiha u minn hemm tinghata l-benedizzjoni lill-fidili u tintalab barka fuq l-ghelieqi.

Mad-dhul tas-simulark fil-knisja Omm tibda kwindicina bi thejjija ghall-festa ta' l-Angli.  F'wahda mill-granet tal-kwindicina t-tfal zghar joffru fjuri lil din l-Omm Hanina f'ceremonja interessanti. Fil-jum tal-festa l-purcissjoni tasal sac-cimiterju fejn tintalab hniena ghall-mejtin nsara u benedizzjoni ghall-fidili prezenti. Il-festa taghlaq bil-fiera u loghob tan-nar bhalma jsir fix-xahar ta' Settembru .



ETTAL MILL-VARA TA' L-ADDOLORATA TA' MONTEROSSO ALMO



IL-PURCISSJONI TA’ L-ADDOLORATA



WAHDA MILL-ERBA' PURCISSJONIJIET TA' L-ADDOLORATA